MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 924/2014

**Simonds Farsons Cisk p.l.c. u**

**Farsons Beverage Imports Company Limited**

**vs**

**Gordon Sammut u Lara Sammut**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjetajiet attrici tat-23 ta’ Ottubru 2014 li jghid hekk:

1. Illi fil-perjodu ta' bejn is-26 ta' Awwissu 2013 u l-10 Marzu 2014 is-socjeta rikorrenti Simonds Farsons Cisk p.l.c., fil-kors tan-negozju taghha u fuq ordni tal-intimati, bieghet u

debitament ikkonsenjat lill-intimati prodotti tax-xorb, u dana a tenur ta' Credit Application Form, kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok. 'MK1';

2. Illi fil-perjodu ta' bejn il-31 ta' Lulju 2013 u t-28 ta' Gunju 2014 is-socjeta rikorrenti Farsons Beverage Imports Company Limited, fil-kors tan-negozju taghha u fuq ordni tal-intimati, ukoll bieghet u debitament ikkonsenjat Iill-intimati prodotti tax-xorb;

2. Illi ghall-istess prodotti mibjugha u kkonsenjati rispettivament mis-socjetajiet rikorrenti, l-intimati hallsu biss in parte. Illi l-bilanc rimanenti ghall-istess prodotti in kwantu s-soejeta rikorrenti Simonds Farsons Cisk p.l.c. huwa ta' wiehed u tletin elf mija u hamsa u ghoxrin euro u tlieta u sebghin centezmu (€31,125.73), u dana kif jirrizulta mill-anness statement of account immarkat Dok. 'MK2', u in kwantu s-socjeta rikorrenti Farsons Beverage Imports Company Limited huwa ta' disgha u ghoxrin elf tmien mija u tnejn u erbghin euro u tnejn u hamsin centezmu (€29,842.52), u dana kif jirrizulta mill-anness statement of account immarkat Dok. 'MK3’;

4. Illi ghalhekk l-intimati ghandhom ihallsu lis-socjeta rikorrenti Simonds Farsons Cisk p.l.c, is-somma ta' wiehed u tletin elf mija u hamsa u ghoxrin euro u tlieta u sebghin centezmu (€31,125.73), u lis-socjeta rikorrenti Farsons Beverage Imports Company Limited is-somma ta' disgha u ghoxrin elf tmien mija u tnejn u erbghin euro u tnejn u hamsin centezmu (€29,842.52);

5. Illi l-ammont dovut mill-intimati lis-socjetajiet rikorrenti Simonds Farsons Cisk p.l.c, u dak dovut lis-socjeta rikorrenti Farsons Beverage Imports Company Limited huwa ammont cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-istess socjetajiet rikorrenti jikkonkorru l-elementi kollha taht l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), peress li fil-fehma tas-socjeta rikorrenti l-intimati m'ghandu l-ebda eccezzjoni valida skond il-ligi xi jressqu kontra t-talbiet rikorrenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ighidu l-intimati, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddeciedi din l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Tiddikjara li l-intimati ghandhom jaghtu lis-socjeta rikorrenti Simonds Farsons Cisk p.l.c. is-somma ta' wiehed u tletin elf mija u hamsa u ghoxrin euro u tlieta u sebghin centezmu

(€31,125.73), u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta rikorrenti Simonds Farsons Cisk p.l.c, is-somma ta' wiehed u tletin elf mija u hamsa u ghoxrin euro u tlieta u sebghin centezmu (€31,125.73), u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

4. Tiddikjara li l-intimati ghandhom jaghtu lis-socjeta rikorrenti Farsons Beverage Imports Company Limited is-somma ta' disgha u ghoxrin elf tmien mija u tnejn u erbghin euro u tnejn u hamsin centezmu (€29,842.52) u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

5. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta rikorrenti Farsons Beverage Imports Company Limited is-somma ta' disgha u ghoxrin elf tmien mija u tnejn u erbghin euro u tnejn u hamsin centezmu (€29,842.52), u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-istess intimati, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta Simonds Farsons Cisk Limited p.l.c.ipprezentata fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2015 fejn irriduciet l-ammont tat-talba taghha ghal €19,562.17;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallsu lis-socjetajiet attrici l-ammont ta' dsatax-il elf hames mija u tnejn u sittin euro u sbatax-il centenzmu (€19,562.17) bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------